# Frak mill-Istorja ta' Malta

**Joseph Serracino**



**Jum il-Vitorja** - it-8 ta' Settembru hu wieħed mill-ħames btajjel li fih niċċelebraw il-Jum Nazzjonali tagħna. Dan il-Jum storiku jfakkarna fiż-żewġ Assedji ħorox li għaddiet minnhom Malta - l-Assedju l-Kbir tal-1565, u dak tat-Tieni Gwerra Dinjija (1939 - 1945). Din is-sena qegħdin infakkru 450 sena mill-Assedju l-Kbir tal-1565, u għalhekk tajjeb li llum nitkellmu dwaru. Ovvjament dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565 inkitbu volumi ta' kotba u għalhekk dak li se nikteb jien huwa biss farka mill-istorja ta' din il-ġrajja kbira u glorjuża, li aħna, bħala poplu, ta' kull sena niftakru fiha, u nagħtu ġieħ lil missirijietna u lill-kavallieri li mietu jissieltu għall-fidi u għal Malta fuq is-swar tal-Fortijiet ta' Sant'Iermu, Sant'Anġlu u San Mikiel.

## Qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565

L-istoriċi tagħna minn dejjem sostnew li r-rebħa tal-Assedju l-Kbir tal-1565 hija waħda mill-isbaħ paġni tal-istorja glorjuża ta' pajjiżna, meta l-Kavallieri ta' San Ġwann u l-Maltin insew id-differenzi ta' bejniethom u ħaduha kontra l-qawwa u l-ħruxija tal-imperu Tork, li f'dawk iż-żminijiet kien it-terrur tal-Baħar Mediterran.

Il-Misilmin kienu ilhom għexieren ta' snin jersqu lejn xtutna u jagħmlu ħerba mill-irħula tagħna ta' qrib il-baħar. Fil-fatt insibu bosta dati, fosthom l-1419, 1422, 1429 u l-1488, fejn Xwieni Għarab (furbani) niżlu f'Malta u f'Għawdex u għamlu ħerba kbira. U fiż-żmien l-Ordni f'Malta, bejn l-1540 u l-1563 – proprju sentejn qabel l-Assedju l-Kbir, il-kursar Rais Dragut - l-aktar kursar magħruf wara Barbarossa ttanta jaħbat għal Maltin ħames darbiet, bl-akbar ħbit feroċi tiegħu li baqa' jissemma wara dak ta' Assedju l-Kbir kien dak tal-1551 fuq iċ-Ċittadella ta' Għawdex, u li wara kaxkar miegħu eluf ta' Għawdxin fil-jasar ġewwa Tripli.



*Iċ-Ċittadella fir-Rabat Għawdex*

Fl-1544 Dragut attakka lil Għawdex darbtejn! Fil-ġlied qalil li sar mas-suldati Maltin inqatel ħuh u l-Għawdxin kaxkruh mal-art u wara ħarqu ġismu. Dragut tant iddispjaċih li ħalef li jivvendika ruħu mill-Għawdxin kollha! Aktarx li b'dan il-ħsieb f'moħħu, fl-1546 reġa' attakka lil Għawdex, iżda din id-darba rnexxielu jaqbad biss ħames priġunieri wara li għamel ħerba kbira mill-irziezet li sab fi triqtu u li minnhom ġarr miegħu bosta annimali. Fl-1547 żbarka f'Marsamxett, qabad xi Maltin u ħadhom miegħu fil-jasar. F'April tas-sena 1551 niżel f'Marsaxlokk, u minn hemm baqa' sejjer lejn is-Siġġiewi iżda kellu jirtira minħabba r-reżistenza qawwija li sab tistennieh.

## L-Assedju tal-1551

Fil-bidu ta' Lulju 1551, il-Gran Mastru d'Homedes ġie mgħarraf mill-ispiji Venezjani li kellha l-Ordni li flotta ta' madwar 145 ġifen Tork, taħt il-kmand suprem ta' Sinan Pasha, Rais Dragut u l-ġeneral Kambil Bey kienet telqet mill-Port ta' Preveza fi triqtha lejn il-Punent. Għalkemm id-destinazzjoni ta' din l-espidizzjoni ma kinitx magħrufa, deher ċar li l-ħsieb u l-għan tagħha kien li jattakkaw xi bliet fix-xtut tal-Ewropa u b'hekk

ikomplu jkabbru t-territorju Tork fil-Baħar Mediterran.

Fil-fatt, wara li din il-flotta għaddiet mill-istrett ta' Messina, daħlet fil-Port ta' Augusta, żbarkat l-armata tagħha u kissret, farrket u ħarqet kulma sabet quddiemha. Ġara, li matul dan l-attakk, xi lsiera nsara rnexxielhom jaħarbu mill-armata Torka, u meta waslu fil-belt ta' Saragosa qalu lill-mexxejja nsara li l-flotta Torka kienet se tattakka lil Malta u wara lill-belt ta' Tripli li kienet f'idejn l-Ordni ta' San Ġwann. Kien proprju fis-16 ta' Lulju li din l-aħbar twasslet lill-Gran Mastru mill-Kavallier Fra Antonio Gatto - aħbar li tant qajmet paniku kbir fost il-poplu ta' madwar il-port li minnufih ġabar ħwejġu u daħal jiskenn wara s-swar tal-Birgu u l-Imdina.

Fit-18 ta' Lulju 1551 il-flotta Torka dehret fuq ix-xefaq riesqa lejn Malta. Parti mill-flotta daħlet fil-Port ta' Marsamxett u niżżlet it-truppi l-art. Mal-iżbark tat-Torok intbagħtet il-kavallerija li kienet taħt il-kmand tal-kavallier Ingliż Nicholas Uption iffurmata minn 30 kavallier u 400 Malti, attakkawhom bil-qawwa u ma ħallithomx jersqu lejn il-Birgu. Minn fuq l-Għolja Xebb-er-ras, Sinan u Dragut studjaw bir-reqqa l-qawwa tal-Kastell ta' Sant'Anġlu mdawwar bil-baħar u s-swar tal-Birgu u rrealizzaw li l-armata li kellhom ta' 10,000 ruħ ma kinitx biżżejjed biex jaħbtu għalih, u għalhekk minflok iddeċidew li jattakkaw l-Imdina.

Għat-Torok il-belt antika tal-Imdina kienet priża tajba. Huma kienu tal-fehma, li belt ċkejkna bħalma kienet l-Imdina f'nofs il-gżira mdawra bis-swar qodma u 'l bogħod ħafna mill-Port il-Kbir ma kinitx tiflaħ assedju fit-tul. Ġara iżda, li waħda mis-sorijiet Benedittini kellha dehra minn Sant'Agata u din qaltilha li jekk joħorġu l-istatwa tagħha purċissjonalment u jgħadduha minn fuq is-swar, l-għadu Tork jitlaq. Għall-ewwel ħadd ma emminha, iżda meta baqgħet tinsisti, il-Vigarju Dun Ġużepp Manduna aċċetta li l-istatwa tal-qaddisa titqiegħed fuq is-swar. Fost l-għaġeb ta' kulħadd, l-għadu Tork rtira minn quddiem l-Imdina.

Iżda xi wħud mill-istoriċi jsostnu li peress li t-Torok ma kinux imħejjija għal assedju fit-tul u t-tir tagħhom kienet il-belt ta' Tripli huma kellhom jabbandunaw il-pjan li jassedjaw lill-Imdina u rtiraw lejn ix-xwieni tagħhom f'San Pawl il-Baħar. Kien hawn li ngħatat l-ordni biex ix-xwieni jsalpaw minnufih lejn il-Gżira ta' Għawdex! It-Torok żbarkaw fl-Imġarr, ftit sigħat wara waslu taħt is-swar taċ-Ċittadella u minnufih ingħata s-sinjal biex jibdew jimbumbardjaw il-ħitan tal-kastell. Il-bombardament beda l-Ġimgħa 24 ta' Lulju għall-ħabta ta' nofsinhar u baqa' sejjer sal-Ħadd 26 tal-istess xahar.

Il-Gvernatur Galatian de Sesse beża' li rebħa Torka kienet se ġġib magħha massakru kbir, u għalhekk biex jevita t-tixrid ta' demm bagħat għal Patri Bartilmew Bonavia - Malti minn Bubaqra li kien jaf jitkellem tajjeb bl-Għarbi u talbu biex imur ikellem lill-Ammirall Sinan f'ismu. Mal-lejl ta' bejn is-Sibt u Ħadd, il-patri tniżżel b'ħabel u mar ikellem lill-Pasha fejn qallu li l-Gvernatur de Sesse kien lest li jċedi u jiftaħlu l-bieb tal-belt bil-kundizzjoni li jħalli 200 ruħ mill-kbarat ħielsa.

Waqt li Sinan wera b'subgħajh fetħa fis-sur, huwa qal lill-patri li l-kundizzjonijiet tal-gwerra jagħmilhom hu, iżda wiegħdu li jekk il-gvernatur iżomm kelmtu, huwa kien lest li jħalli 40 mill-kbarat ħielsa. Fil-fatt, wara l-assedju l-Pasha ħalla liberi lill-Patri Bonaventura, mara u binha u 40 xiħ għakka, li skont it-termini Torok, dawn ix-xjuħ, irrispettivament mill-qagħda soċjali tagħhom kienu meqjusa bħala l-kbarat tal-kastell.

Jingħad li madwar 300 raġel, meta ntebħu li l-gvernatur kien se jċedi huwa rnexxielhom jaħarbu miċ-Ċittadella billi dendlu xi ħbula minn fuq is-swar fin-naħat fejn l-għadu ma kienx qed jgħasses, niżlu magħhom u marru jistaħbew fl-għerien. B'hekk huma rnexxielhom jeħilsu mill-mewt jew li jinqabdu lsiera bħalma ġralhom madwar 3,000 ruħ li ttieħdu fil-jasar ġewwa Tripli. Jingħad li Għawdxin li Dragut kaxkar miegħu fil-jasar ittieħdu f'raħal jismu Tarhuna li jinsab madwar 64 kilometru 'l bogħod minn Tripli. Hawn min isostni wkoll li d-dixxidenti tagħhom għadhom hemm sal-lum.

## L-Assedju l-Kbir tal-1565

Aktar minn mitejn sena qabel il-miġja fostna tal-Ordni f'Malta (1309) il-kavallieri kienu rebħu l-gżira ta' Rodi mingħand it-Torok u għamluha s-sede tagħhom. Iżda fl-1522 l-Imperatur Tork Sulejman it-Tieni, imdejjaq bl-influwenza kbira li kellha l-Ordni mal-pajjiżi tal-Ewropa, u mbeżża' bit-theddida kontinwa li kellhom ix-xwieni Torok mill-flotta tagħha waqt it-tbaħħir tagħhom fil-Mediterran, kif ukoll minħabba l-fatt li s-sede ta' din l-Ordni kienet qrib wisq tat-Turkija, iddeċieda li jassedja l-gżira b'eżerċtu kbir u jkeċċihom minn fuqha. Għalhekk wara Assedju aħrax ta' sitt xhur, Sulejman reġa' rebaħ mill-ġdid il-gżira, iżda mqanqal u mistagħġeb bil-qlubija kbira li wrew il-kavallieri matul l-assedju, huwa ħalliehom joħorġu mill-gżira bl-unuri kollha.

Fl-1522 is-Sultan Spanjol Karlu V offra l-gżejjer Maltin lill-kavallieri b'għadd ta' kundizzjonijiet, fosthom li huma jħarsu u jiddefendu l-Kastell u l-Belt ta' Tripli. Għall-ewwel il-kavallieri ma għoġbuhomx dawn il-kundizzjonijiet, iżda wara xi żmien jaħsbuha huma aċċettaw l-offerta, u għalhekk fit-23 ta' Marzu 1530 ġewwa Kastelfranco, Karlu V iffirma l-għoti ta' Malta lill-Ordni ta' San Ġwann. F'Novembru tal-istess sena l-kavallieri ħadu l-pussess tal-gżejjer Maltin f'idejhom.



*Il-Gran Mastru Philippe Villiers de l'Isle Adam*

Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann, immexxija mill-Gran Mastru Philippe Villiers de l'Isle Adam li kien sar kap tal-Ordni fl-1521 (prinċep ta' dawn il-gżejjer bejn l-1530 u l-1534)

waslu fostna, sabu li l-uniku post abitat u ffortifikat tajjeb kienet il-belt tal-Imdina - il-kapitali tal-gżira. Għall-ewwel għaddhielhom il-ħsieb li jagħmlu s-sede tagħhom fl-Imdina, iżda meta tefgħu ħarsithom fuq il-Burgo (Birgu) u rrealizzaw x'vantaġġi kbar kellu dan il-villaġġ żgħir maġenb il-baħar, l-aktar meta f'ras dak l-ilsien art maħruġ sa nofs tal-port kien hemm kastell kbir li kienu bnewh l-Għarab mijiet tas-snin qabel, qatugħha li jgħammru fih.

Huma kienu tal-fehma, li l-Kastell Sant'Anġlu, mhux biss seta' jservi bħala fortizza biex tħares id-daħla tal-Port il-Kbir, iżda seta' wkoll jintuża bħala kwartieri ġenerali għall-kavallieri kif ukoll bħala ħabs għall-priġunieri, waqt li fid-daħla kennija ta' bejn iż-żewġ peniżoli dik tal-Burgo (Birgu) u l-Għolja ta' San Ġiljan (Isla) li kienet tasal sal-qalba ta' art li f'dawk iż-żminijiet kienet magħrufa bħala Burmula (Bormla), setgħet isservi biex fiha jsorġu u jissewwew ix-Xwieni tal-Ordni.

Fiż-żmien il-Gran Mastru Juan d'Homedes (1536 - 1553 ) kien sar l-assedju ta' Għawdex. Imnikket ħafna u mħasseb ħafna bil-ħbit għall-għarrieda mill-furbani fuq diversi rħula qrib ix-xtajtiet Maltin huwa kompla jsaħħaħ il-Kastell ta' Sant'Anġlu bi swar ġodda, u ordna biex jitħaffer foss wara l-Forti biex b'hekk jiżolah mill-Birgu. Issa d'Homedes sar konxju ħafna li l-gżira kienet nieqsa mid-difiża, għalhekk, kompla dawwar lil Birgu bi swar b'saħħithom u qabbad lill-Inġinier Spanjol Pietro Pardo jiddisinja pjanta għall-bini ta' Forti b'saħħtu f'ras l-Għolja Xebb-ir-Ras flok it-Torri tal-Għassa li kienu bnew l-Aragoniżi fl-1450 bil-għan li ssaħħaħ id-difiża taż-żewġ portijiet. L-ewwel ġebla tal-Forti Sant'Iermu ġiet imqiegħda fl-14 ta' Jannar 1552 u tlesta fi żmien sena.

Barra hekk, il-Gran Mastru d'Homedes ried li jserraħ moħħu li d-daħla ta' Port ix-Xwieni tkun protetta b'tisħiħ ta' difiża miż-żewġ naħat. Għalhekk, waqt li għalaq id-dħul tagħha b'katina ħoxna tal-ħadid (li nġiebet minn Venezja) minn taħt l-Kastell Sant'Anġlu għall-Ponta tal-Isla, huwa qabad lill-Inġinier Pardo biex jibni Forti ieħor fuq l-Għolja ta' San Ġiljan (l-Isla) biex waqt li jħares lill-Birgu minn xi ħbit li seta' jsir minn fuq l-Għolja ta' Kordin, ikun ta' wens u kenn għan-nies li kienu jabitaw f'dawk in-naħat. Meta tlesta dan il-Forti, issemma' għal San Mikiel, għax proprju kien f'nhar it-8 ta' Mejju tal-1553 li fuq is-swar tiegħu ttella' għall-ewwel darba l-istandard tal-Ordni.

Wara l-Gran Mastru d'Homedes laħaq Fra Claude de la Senglè (1553-1557). Dan il-Gran Mastru barra li kompla jiffortifika tajjeb lill-Forti San Mikiel u dawwar lill-Isla bis-swar b'saħħithom, ta permess biex fiha jinbnew id-djar għal min xtaq jabita fiha. Fil-21 ta' Awwissu 1557 laħaq Fra Jean de la Valette (1557-1568) bħala Gran Mastru tal-Ordni, u dan, meta permezz ta' spjuni li kellha l-Ordni fit-Turkija sar jaf li t-Torok kienu qegħdin iħejju flotta kbira biex jaħbtu għal Malta, kompla tejjeb il-fortikazzjoni tal-Isla, b'mod speċjali s-swar baxxi li kienu jagħtu għan-naħa ta' Kordin, u dawk tal-belt tal-Imdina li kellhom bżonn manutenzjoni kbira.



*Il-Gran Mastru Jean de La Valette*

Interessanti hu l-fatt, li wara t-telfa ta' Rodi, il-flotta tal-Ordni tilfet il-qawwa tagħha, u għalhekk meta l-Ordni f'Malta sabet port kbir u kenni, din ma damitx wisq biex reġgħet kisbet dik il-qawwa navali li kellha snin qabel. Waqt li x-xwieni tal-Ordni kienu jgħassu kontinwament l-ibħra ta' madwar gżiritna, huma kienu jattakkaw kull ġifen Tork li kienu jiltaqgħu miegħu, u wara li jeħilsu l-ilsiera nsara, kienu jisirqu kulma jsibu fuqu. Ġara li fis-sena 1564 ix-Xwieni Maltin iltaqgħu ma' Galjun Irjali Tork 'Sultana' li kien sejjer lejn Venezja, attakkawh, u wara taqtigħa ħarxa li damet sejra tliet sigħat waqa' fl-idejn il-Maltin, fejn wara daħħluh fil-Port il-Kbir u għamlu festi kbar.



*Is-Sultan Tork Sulejman II*

Is-Sultan Sulejman li issa kellu madwar 70 sena, meta sema' bl-aħbar li l-Galjun Irjali 'Sultana' kien inqabad mill-Maltin għadab ħafna u ħalef li jeqred lill-Ordni darba għal dejjem. Sejjaħ malajr il-kunsill tal-gwerra u ordna li tintbagħat flotta kbira biex tassedja lil Malta u teħodha. B'hekk biss huwa seta' jserraħ moħħu li dak li ma wettaqx tlieta u erbgħin sena qabel (1522) ġewwa Rodi seta' jtemmu issa bis-suldati li kellu. Huwa kien jemmen, li ladarba tinqered l-Ordni ta' San Ġwann, miegħu jinqerdu wkoll dawk il-potenzi kbar li għinuha terġa' tissaħħaħ. U biex żgur iwettaq l-ħsieb tiegħu, huwa ħatar lil Mustafa Baxa bħala l-Kmandant suprem tal-eżerċtu Tork u lil Piali Baxa bħala Ammirall tal-flotta Torka, li skont l-istoriku Tork Pecevi kienet tikkonsisti madwar 300 biċċa tal-baħar li kienu jvarjaw minn xwieni, xambekki, galljazzi u kull tip ta' bċejjeċ oħra tal-baħar.

Meta l-Gran Mastru Jean de La Valette rċieva l-aħbar mingħand Ġwanni Borelli - spija Venezjan ġo Kostantinopli li t-Torok qegħdin iħejju flotta kbira biex jaħbtu għal Malta, huwa ħeġġeġ lill-kavallieri u lill-Maltin biex flimkien jissieltu għall-Fidi ta' Kristu u għal Malta. Il-maġġoranza tal-kavallieri mseħħbin mas-suldati Maltin u barranin kienu mxerrdin fiż-żewġ

fortizzi ta' Sant'Anġlu u ta' San Mikiel u matul is-swar tal-Birgu u tal-Isla, waqt li fil-Forti Sant'Iermu kien hemm mitt kavallier u elf suldat qalbieni ieħor li lkoll ħalfu li jiddefendu lill-forti sal-aħħar nifs ta' ħajjithom.

Kemm tabilħaqq kien kbir dan l-Assedju nistgħu nirrealizzawh minn żewġ fatturi importanti, l-ewwel - il-qawwa tal-eżerċtu Tork li nġieb f'Malta pparagunat maċ-ċokon tal-eżerċtu Malti, u t-tieni – il-popolazzjoni ta' Malta fiż-żmien l-assedju kienet ta' madwar tlieta u għoxrin elf ruħ (23,000), litteralment kollha magħluqa fl-Imdina, fil-Birgu u fl-Isla, waqt li l-kumplament tal-gżira u l-baħar li jdawwarha kien f'idejn it-Torok.



*L-eżerċtu Ottoman jipprepara biex jattakka mill-art lill-Forti San Mikiel u lill-Birgu*

**Il-Qawwa Torka**

Il-flotta Torka taħt il-ħarsien tal-Ammirall Piali Baxa ntlemħet fuq ix-xefaq mill-għassiesa tal-Forti Sant'Iermu fit-18 ta' Mejju 1565. Ftit sigħat wara t-Torok żbarkaw parti mill-armata tagħhom fil-bajja ta' Marsaxlokk u minnufih bdew l-avvanzata tagħhom lejn il-Birgu u l-Isla biex juru l-qawwa tagħhom.

L-eżerċtu Tork, li kien iffurmat minn riġmenti ta' suldati minn diversi pajjiżi tal-Mediterran fosthom minn dawk tal-Afrika ta' Fuq (magħrufa bħala tal-Barbarija) li kienu taħt il-Kmand tal-Ġeneral Mustafa Baxa li kellu madwar sittin sena. L-istoriċi jsostnu li dawn iż-żewġ kmandanti (Mustafa u Piali) ftit li xejn kienu jaqblu, u għalhekk, dan in-nuqqas ta' ftehim kien jissarraf f'ħafna piki, b'konsegwenza, li xi drabi kien jinqala' tilwim sejru bejniethom u tinħoloq bruda kbira f'dawk ta' madwarhom.

L-eżerċtu Tork kien jikkonsisti f'6,000 **Gannizzari** - suldati tal-gwardja personali tas-sultan Tork Sulejman armati bl-azzarini u mħarrġin jisparaw b'mira l-aktar preċiża. 9,000 **Spahi** - suldati armati bil-vleġeġ u bil-lanez. 7,900, **Yayalar** - suldati ngaġġati mill-gżejjer tal-Greċja, mill-peniżola Balkanika u min-nies ta' madwar il-Moskee (reliġjużi ta' fanatiżmu kbir) u jiġġieldu l-aktar bix-ximitarri u bl-ixkubetti: 6,000 Kursar tal-baħar li kienu jissejħu **Leventi** u mħarrġin tajjeb fl-użu tax-xabla, tal-lanza u tal-ixkubetta.

Ma' dawn is-suldati wieħed irid iżid ukoll is-suldati tal-160 xini tal-gwerra tal-Ammirall Piali Baxa (100 suldat tal-kumbattiment għal kull xini, armati bl-ixkubetti, bil-vleġeġ u bix-ximitarri) - b'kollox 16,000 suldat mill-aħjar. Il-wasla ta' Ħassan - il-Viċi Re ta' Alġiers u ta' Dragut - il-Viċi Re ta' Tripli kompliet għenet dan l-eżerċtu b'4,000 suldat ieħor.

**L-Eżerċtu Malti:**

L-eżerċtu li ddefenda lil Malta fiż-żmien l-Assedju l-Kbir kien taħt il-kmand suprem tal-Gran Mastru Jean de La Valette. Kien jikkonsisti f'Kavallieri, suldati Maltin, Taljani, Sqallin u Spanjoli (din il-lista hi meħuda mill-Bosio)

| | | |
|---|---|---|
| Kavallieri tal-Lingwa tal-Italja | 161 | b'5 servjenti d'armi |
| Kavallieri tal-Lingwa ta' Provenza | 63 | b'15 servjent d'armi |
| Kavallieri tal-Lingwa ta' Alvernja | 26 | b'14 servjent d'armi |
| Kavallieri tal-Lingwa ta' Franza | 55 | b'23 servjent d'armi |
| Kavallieri tal-Lingwa Aragona | 88 | b'3 servjenti d'armi |
| Kavallieri tal-Lingwa ta' Kastilja | 70 | b'6 servjenti d'armi |
| Kavallieri tal-Lingwa tal-Ġermanja | 18 | b'1 servjent d'armi |
| Kavallieri tal-Lingwa tal-Ingilterra | 1 | |
| Kappillani Konventwali tal-Lingwi kollha | 43 | |
| Kumpanija tas-Servi tal-Gran Mastru | 150 | |
| Gwarniġjon ta' Sant'Iermu | 60 | |
| Gwarniġjon ta' Għawdex | 100 | |
| Suldati u baħrin tax-Xwieni (ħafna minnhom Maltin) | 700 | |
| Artilljeri | 120 | |
| Kumpanija tal-Kurunell Mas (Spanjoli u Taljani) | 400 | |
| Kumpanija tal-Kaptan Asdrubale di Mediċi (Taljani) | 200 | |
| Kumpanija tal-Kaptan Giovanni Vagnone (Taljani) | 150 | |
| Kumpanija tal-Kaptan Andrea Magnasco (Taljani) | 150 | |
| Kumpanija tal-Kaptan Miranda (Spanjoli) | 200 | |

| | |
|---|---|
| Kumpanija tal-Kaptan Juan de la Cerda (Spanjoli) | 200 |
| Kumpanija tal-Birgu (suldati Maltin) | 500 |
| Kumpanija ta' Bormla (suldati Maltin) | 300 |
| Kumpanija tal-Imdina u r-Rabat (suldati Maltin) | 1,500 |
| Kumpanija taż-Żejtun (suldati Maltin) | 560 |
| Kumpanija ta' Birkirkara (suldati Maltin) | 680 |
| Kumpanija ta' Bir Miftuħ (suldati Maltin) | 560 |
| Kumpanija taż-Żurrieq (suldati Maltin) | 570 |
| Kumpanija tan-Naxxar (suldati Maltin) | 590 |
| Kumpanija tas-Siġġiewi (suldati Maltin) | 570 |
| Kumpanija ta' Nicolo di Nero (Sqallin u Griegi) | 215 |
| Baħrin Ġenoviżi tal-Kaptan Villavecchia (Taljani) | 60 |


*Dehra tal-flotta u l-batteriji Torok ippustjati madwar il-Fortizzi u lis-swar*

L-istoriċi tal-Ordni li kitbu dwar dan l-assedju jagħtuna fid-dettall u bi preċiżjoni kbira jum wara l-ieħor l-attakki ħorox u mdemmija li t-Torok għamlu fuq il-Fortizzi ta' Sant'Iermu, San Mikiel, Sant'Anġlu u s-Swar ta' Kastilja, għalkemm matulu t-Torok ippruvaw jassedjaw ukoll lill-Imdina. Wara l-waqgħa ta' Sant'Iermu, it-Torok ikkonċentraw b'qawwa kbira u f'bumbardamenti kontinwi fuq iż-żewġ fortizzi tal-Port il-Kbir – Sant'Anġlu u San Mikiel. L-għan tat-Torok kien li jkissruhom u b'hekk jirbħu l-gżira ta' Malta għas-sultan tagħhom. Iżda wara s-swar żonqrija kien hemm il-Kavallieri u Maltin, lesti biex jiddefenduhom b'ħajjithom, konvinti, li jekk it-Torok jirnexxilhom jirbħu l-Forti San Mikiel jew il-Forti Sant'Anġlu, dan kien ifisser it-tmiem tagħhom, it-telfa ta' Malta u telfa akbar għall-fidi ta' Kristu.

Ovvjament il-waqgħa tal-Forti Sant'Iermu li seħħet fit-23 ta' Ġunju lejlet il-festa tal-Patrun tal-Kavallieri San Ġwann Battista għenet moralment lit-Torok, għalkemm militarment tilfu madwar 9,000 suldat biex rebħuh. Għall-Maltin u l-Kavallieri, it-telfa ta' Sant'Iermu kienet tfisser telfa kbira, u li kieku huma ma kellhomx tama kbira li minn jum għal ieħor kellha tasal l-għajnuna minn Sqallija, din it-telfa mhux biss setgħet tbaxxi l-moral tal-Kavallieri, li xi wħud minnhom diġà kellhom esperjenza ta' taqbid mal-Misilmin, iżda wkoll tal-poplu Malti li kien magħluq wara s-swar u beżgħan li jaqa' lsier tat-Torok. Iżda l-għajnuna li kienet ilha żmien imwiegħda mis-slaten insara mhux biss kienet għadha qed tistenna l-waslà tax-xwieni fil-Port ta' Sirakuża, iżda wkoll li jbattu l-maltempati kbar li kienu ħakmu lil Sqallija u l-kanal li jaqsam liż-żewġ gżejjer.

Wara l-waqgħa ta' Sant'Iermu, it-Torok dawru ħarsithom lejn il-Fortizzi ta' San Mikiel u ta' Sant'Anġlu u ddeċiedew li jattakkawhom flimkien mill-art u mill-baħar. Il-Kavallieri u Maltin issa ntebħu li kienet waslet is-siegħa tal-prova, u fuq is-swar taż-żonqor ħalfu li jiddefendu lil Malta u jissieltu sal-aħħar nifs ta' ħajjithom għall-fidi ta' Kristu kontra l-qawwa tal-Mislem.

It-taqtigħat sider ma' sider kienu qliel u ħorox bil-bosta! L-attakki fuq il-Forti San Mikiel u swar tal-Isla, u fuq Sant'Anġlu u s-swar tal-Birgu kienu kontinwi u bla ħniena. Is-suldati Torok, ħafna minnhom fanatiċi għat-twemmin tagħhom, kienu jemmnu li jekk imutu fil-ġlied imorru jgawdu lil Alla u għalhekk wieħed jista' jimmaġina x'qilla u x'determinazzjoni kbira kienu jidħlu fil-ġlied. U aktar ma beda għaddej żmien, l-attakki aktar żdiedu, u l-bumbardamenti minn diversi batteriji madwar is-swar taż-żewġt ibliet saru aktar spissi.

Fit-2 ta' Awwissu, it-Torok għamlu assalt kbir fuq il-Forti San Mikiel u attakkawh mill-art u mill-baħar. Kienet taqtigħa kbira, u l-Kavallieri u Maltin issieltu b'qlubija kbira. Kien hemm mumenti li t-Torok irnexxielhom jitilgħu fuq is-swar tal-Isla, iżda l-Maltin b'ħila tal-għaġeb tqabbdu magħhom u reġġgħuhom lura. L-istess xorti messet ukoll lill-Birgu meta fil-21 ta'


*L-armata Torka tipprepara biex tattakka lill-Forti San Mikiel u s-swar ta' Kastilja fil-Birgu*

Awwissu t-Torok ħabtu għas-swar ta' Kastilja tal-Birgu u rnexxielhom jidħlu 'l ġewwa minnhom u jwaħħlu l-istandard tagħhom. Iżda għal darb'oħra, il-Kavallieri din id-darba mmexxija mill-Gran Mastru la Valette qabżu fuqhom, u għal ħin twil issieltu sider ma' sider sakemm it-Torok ġew megħluba u mreġġgħin lura. Din it-taqtigħa kompliet għolliet il-moral tal-Maltin u tal-Kavallieri li matul l-assedju ssieltu spalla ma' spalla biex jiddefendu lil Malta u l-fidi ta' Kristu.

Fis-7 ta' Settembru waslet l-għajnuna minn Sqallija mmexxija minn Don Garcia, li meta t-Torok rawha riesqa lejn Malta tħawdu, u abbandunaw it-trunċieri u l-batteriji li kellhom imdawrin madwar iż-żewġ fortizzi. It-Torok imbeżża' mill-qilla tal-insara ħarbu lejn il-Marsa, imbagħad telgħu lejn l-Għolja Xiberras, fejn wara ħafna ġlied bejn Mustafa u Piali, iddeċidew, li waqt li l-Ġeneral Mustafa jipprova jikkonfronta r-rinforzi li ġew minn Sqallija, l-Ammirall Piali kellu jieħu ħsieb jgħabbi l-materjal tal-gwerra u jsalpa minnufih lejn il-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. Hemmhekk hu kellu jistenna lill-kumplament tal-eżerċtu Tork, biex f'każ ta' disfatta jimbarka lis-suldati u jsalpaw lejn it-Turkija.



*L-aħħar taqtigħa mdemmija bejn il-Kavallieri u t-Torok*

L-aħħar taqtigħa missielta sider ma' sider bejn it-Torok u l-Insara saret taħt in-Naxxar fejn ir-rinforzi tal-insara taħt il-kmand ta' Ascanio della Corgna rnexxielhom mhux biss iwaqqfu l-avvanz tat-Torok, iżda wkoll bi qlubija kbira jġegħelhom jirtiraw telliefa lejn ix-xwieni tagħhom f'San Pawl il-Baħar u jitilqu lura lejn pajjiżhom. Din it-taqbida mdemmija li ħadet aktar minn tliet sigħat kienet l-aħħar taqtigħa tal-Assedju l-Kbir tal-1565, fejn il-kavallieri, flimkien mas-suldati Maltin u barranin issieltu biex Malta tibqa' taħt l-Ordni u l-fidi ta' Kristu tkompli jsaltan fuq il-poplu tagħna u fil-pajjiżi tal-Ewropa.

L-għada, it-8 ta' Settembru, Jum it-Twelid tal-Madonna fil-knisja ta' San Lawrenz ġiet iċċelebrata quddiesa solenni bħala rigrazzjament lil Alla għar-rebħa kbira tal-Kavallieri u l-Maltin fuq il-Mislem Tork u t-tmiem tal-assedju. Jiem wara l-Gran Mastru Jean de la Valette onora lill-Birgu bit-titlu ta' *Civitas Vittoriosa* (Belt Rebbieħa) u lill-Belt Senglea bit-titlu ta' *Civitas Invicta* – il-Belt Qatt Mirbuħa...

## L-Assalt fuq il-Forti Sant'Iermu fl-Assedju l-Kbir

Id-dehra maestuża tal-Forti Sant'Iermu f'ras l-ilsien art li fuqu nbniet il-Belt Valletta fl-1568 għadha sal-lum timla b'kurżitajiet kbar lil dawk il-Maltin li jħobbu l-istorja ta' pajjiżna, li bla ma jridu jistaqsu x'sehem kellu dan il-Forti fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Xi storiċi jsostnu li f'ras dan l-ilsien art, antikament magħruf bħala Għolja ta' Xebb ir-Ras kien hemm kappella żgħira ddedikata lil Sant'Erasmo magħruf fost il-baħrin bħala Sant'Iermu. Tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minnha, kien hemm torri żgħir li kien inbena mill-Aragoniżi fl-1450 b'ordni tas-Sultan Alfonzo ta' Spanja.

Meta l-kursar Turgot Rais Dragut assedja liċ-Ċittadella ta' Għawdex u ġarr miegħu aktar minn 3000 ruħ fil-jasar, il-Gran Mastru Juan d'Homedes (1536 - 1553) konxju minn dawn l-assalti tal-furbani, u beżgħan minn xi ħbit għall-għarrieda mit-Torok b'eżerċtu kbir fuq il-gżejjer Maltin, qabbad lill-Inġinier Spanjol Pietru Pardo biex jiddisinja forti b'saħħtu biżżejjed li jkun kapaċi jgħasses id-daħla taż-żewġ Portijiet. Dan il-Forti mibni f'forma ta' stilla b'erba' ponot, bi swar għoljin bejn kull żewġ ponot tlesta fi żmien sena (1552) u ssemma Sant'Iermu.

Dan il-Forti (mhux dak li naraw illum, għax dan inbena wara l-Assedju l-Kbir) wara li tlesta, l-Inġinier Pardo kien issuġġerixxa li jiġi msaħħaħ b'kavallier mal-ġenb, u snin wara (1564) kompla jissaħħaħ b'rivellin fuq in-naħa tal-Punent tiegħu biex ikun protett minn xi attakk min-naħa ta' Marsamxett. Ironikament, dan il-forti, barra li nbena malajr, kien żgħir ħafna, u għalkemm kien mibni fuq il-blat bi swar għoljin u mdawwar b'foss wiesa' ħafna, is-swar tiegħu ma kinux għoljin biżżejjed li jaqbżu l-ogħla postjiet, fejn it-Torok, matul l-assedju fuqu għarfu jippustaw il-batteriji b'kanuni kbar u attakkawh kontiwament.

Meta fit-18 ta' Mejju 1565 il-flotta Torka ntlemħet fuq ix-xefaq u bil-mod bdiet riesqa lejn Malta, il-kanuni ta' Sant'Iermu u Sant'Anġlu sparaw tliet tiri bħala sinjal ta' twissija li l-għadu kien qrib xtutna u li s-siegħa tal-prova kienet waslet. Ftit tal-ħin wara l-istess sinjal ingħata wkoll mill-Imdina, u n-nies li kienet mifruxa fl-irħula tal-qrib bdiet tipprepara biex tidħol fil-belt. Sadanittant, fuq is-swar tal-Forti Sant'Iermu, Sant'Anġlu u ta' San Mikiel bdew jinġemgħu n-nies u bdew jinstemgħu l-ħsejjes tat-tnabar, trumbetti u tal-armi. Dan kien is-sinjal li kellu jingħata biex in-nies li kienet mifruxa fl-irħula qrib il-bliet tal-Birgu u l-Isla biex minnufih jiġbru lill-familji, l-annimali u l-proviżjon tal-ikel u jidħlu malajr għal kenn fil-bliet.

Wara l-ewwel taqbida mdemmija li saret bejn il-kavallieri u t-Torok fuq il-Posta ta' Kastilja (il-Birgu), il-kunsill tal-gwerra Tork kien maqsum. Mustafa Baxa bħala l-Ġeneral Suprem tal-armata ried li l-ewwel

jaħtaf taħt idejh l-Imdina u wara jassedja lill-Birgu u lill-Isla. Għalih il-Forti Sant'Iermu ma kienx problema, għax barra li kien forti żgħir, fil-fehma tiegħu ma kienx b'saħħtu biżżejjed li jirreżisti fit-tul u għalhekk ma tahx aktar minn ġimgħa li jaqa' f'idejhom. Iżda l-Ammirall Piali (ħabib kbir tas-Sultan Sulejman) insista li l-ewwel jattakkaw lill-Forti Sant'Iermu, għax dan il-forti, barra li kien jiddomina d-daħla taż-żewġ portijiet, kien ukoll ta' ostaklu kbir għall-flotta Torka li kienet ankrata 'l barra minn Marsamxett, Barra minn hekk, hu kien tal-fehma, li l-forti barra ma kienx b'saħħtu kien ukoll iżolat, u għalhekk, jekk jgħassu tajjeb il-kanal li jaqsam il-Forti ta' Sant'Iermu mill-Birgu, ma kienx possibbli li jintbagħtu r-rinforzi u proviżjon ieħor.

Għall-ewwel il-gwarniġjon ta' Sant'Iermu kien kompost minn 50 kavallier u 400 suldat, iżda dan in-numru żdied b'74 kavallier ieħor u 200 suldat taħt il-kmand tal-kurunell Mass. Wara l-ewwel assalti mit-Torok, reġgħu ntbagħtu rinforzi oħra ta' 100 kavallier ieħor, il-kumplament tal-kumpanija tal-Kurunell Mass (400 suldat Spanjol ) u l-kaptan La Mott b'200 suldat ieħor. Aktar tard La Valette bagħtilhom 200 suldat Spanjol ieħor taħt il-kmand tal-kaptani Miranda u Medrano. Fl-ewwel jiem tal-Assedju fuq Sant'Iermu, il-feruti kienu jitniżżlu mill-forti matul il-lejl u jittieħdu fil-Birgu b'permezz tad-dgħajjes u fl-istess ħin jirtiraw lura b'rinforzi ġodda, ikel u munizjon. Peress li l-Kavallier Broglia (il-kmandant tal-Forti) u l-Kavallier Sagra (il-kmandant tal-artillerija) sfaw feruti serjament f'wieħed mill-attakki ġenerali li sar mit-Torok fuq il-forti, il-Gran Mastru La Valette ħatar lill-Kavallier Melchiorre Monserrat (9 ta' Gunju ) bħala kmandant tal-Forti u lill-Balliju Srugno minflok Sagra.

L-ewwel attakk fuq il-Forti sar fl-24 ta' Mejju. Il-Ġeneral Mustafa ordna li jsir bumbardament b'kanuni kbar fuq dan il-forti. Il-ħsarat kienu kbar, peress li l-balal (160 libra) tal-kanuni kienu immirati fuq l-istess naħat u għalhekk ġarrfu xi partijiet mill-forti. Il-wasla ta' Dragut fit-2 ta' Ġunju ġabet magħha ferħ kbir fost it-Torok. Għall-ewwel hu ma qabilx mal-pjani ta' Mustafa u ta' Piali, iżda peress li ħbit fuq Sant'Iermu kien ħrax sewwa ma oġġezzjonax, anzi beda jara kif seta' jsaħħaħ il-batteriji li kellhom faċċata tal-forti biex b'hekk l-attakki jkunu aktar effettivi fil-mira tagħhom u jikkaġunaw aktar ħsarat. Meta t-Torok raw li l-Kavallieri u s-suldati nsara baqgħu jirreżistu l-attakki feroċi tagħhom mill-art u mill-baħar, u huma bdew jitilfu mijiet ta' suldati Torok, Dragut ordna li jippustaw żewġ batteriji oħra b'kanuni akbar, waħda f'Tigne u l-oħra fir-Rikażli, biex b'hekk il-forti jkun iċċirkondat minn kull naħa u l-Kavallieri ma jkollhomx alternattiva oħra għajr li jċedu l-armi.

Għal kważi xahar sħiħ il-Kavallieri ssieltu mat-Torok f'taqtigħat tal-biża' u bi qlubija kbira. Għall-ewwel jiem kienu jaslu xi rinforzi mill-Birgu fis-satra tal-lejl u l-feruti kienu jittieħdu f'Sant'Anġlu, iżda meta t-Torok intebħu b'dan, huma ppustaw batterija kbira (fejn illum hemm il-Barrakka ta' Isfel) biex ireġġgħu lura kull rinforz li seta' jintbagħat mill-Birgu, u bdew jagħmlu għassa stretta fuq il-baħar biex ifixklu kull tentattiv li jsir min-naħa tal-Kavallieri. Issa l-Kavallieri u s-suldati ta' Sant'Iermu ntebħu li ġew iżolati kompletament u t-tama li jibqgħu ħajjin bdiet tgħib bil-mod il-mod. Kien kollu għalxejn li l-kanuni ta' Sant'Anġlu kienu kontinwament jisparaw fuq il-batteriji Torok imwaqqfin fil-għoli quddiem Sant'Iermu, għax ftit li xejn għamluhom ħsara. Kien propjru waqt spezzjoni fuq waħda minn dawn il-batteriji, li Dragut - il-kusar li ħabat għal Malta bosta darbi ntlaqat minn ġebla f'nagħsu u miet ftit tal-jiem wara fit-tinda tiegħu fil-Marsa.



*Il-mewt ta' Dragut fil-Marsa*

Aktar ma beda għaddej żmien aktar l-attakki ħraxu fl-intensità tagħhom. Kien kollu għalxejn li l-ftit Kavallieri u s-suldati li baqgħu ħajjin, xi wħud minnhom feruti komplew jiddefendu l-forti nofsu mġarraf bi qlubija kbira. Il-bumbardamenti kontinwi lejl u nhar u taqbid sider ma' sider mal-Ġannizarri, Spahi u Yuyalari kien qed jgħejjihom u jkattar dejjem in-numru ta' feruti. Huma kienu jafu li tama ta' rinforzi ġodda ma kienx hemm, u għalhekk b'rassenjazzjoni kbira u b'tama kbira f'Alla stennew li minn ħin għall-ieħor tibda l-aħħar taqtigħa. Wara t-telfa tar-Rivellin, il-ftit qalbiena li baqgħu ħajjin, waqt li ħarsu lejn l-għadu Tork jippusta batteriji ġodda b'kanuni kbar u jipprepara għall-aħħar assalt fuq il-forti,

ħalfu li ma jċedux, u jkomplu jikkumbattu sal-aħħar nifs ta' ħajjithom.

L-aħħar attakk feroċi fuq il-Forti ta' Sant'Iermu sar fit-23 ta' Ġunju. Kien attakk imdemmi u barbaru! Fih inqatlu brutalment il-Kavallieri, fosthom De Guaras, Avogadro u l-Kurunell Mas, kif ukoll ħafna mis-suldati li baqgħu ħajjin. Jingħad li xi suldati Maltin laħqu qabżu l-baħar u għamu sal-Birgu, waqt li numru żgħir ta' Kavallieri feruti ċedew l-armi u taw ruħhom pruġunieri



*Il-Batteriji ta' kanuni kbar Torok ippustjati għal fuq il-Forti Sant'Iermu*

lill-furbani - segwaċi ta' Dragut, li bit-tama li jġibu prezz tajjeb tagħhom ħbewhom mis-suldati ta' Mustafa Baxa li kellhom l-ordni li joqtlu lil kulħadd. Malli ttellgħet l-bandiera Torka fuq Sant'Iermu u l-Ġeneral Mustafa daħal trijonfalment fil-forti, waqt li ta ħarsa ħafifa lejn il-mijiet ta' suldati mejtin u oħrajn feruti, huwa dawwar ħarstu lejn il-fortizzi ta' Sant'Anġlu u ta' San Mikiel u b'leħen ta' wieħed imħasseb qal lil ta' madwaru, **'jekk it-tifel swielna daqshekk biex ħadnieh, x'sejjer ikun il-prezz tal-missier?'**

Il-waqgħa tal-Forti ta' Sant'Iermu, wara tletin jum ta' bumbardamenti u ġlied feroċi kienet telfa kbira għall-Kavallieri. Iżda l-qlubija ta' sħabhom u l-mewt tagħhom għall-fidi ta' Kristu u għall-ħelsien ta' Malta minn taħt il-jasar, imliet bi spirtu kumbattiv lill-Kavallieri u lis-suldati Maltin li kienu mxerrdin wara s-swar ta' Sant'Anġlu u ta' San Mikiel. Huwa u jħarsu lejn il-bnadar Torok iperpru fuq is-swar imġarrfa tal-Forti ta' Sant'Iermu rrealizzaw li s-siegħa tal-prova tagħhom kienet fil-qrib...

**Nota:** Dwar il-**Forti San Mikiel** u l-**Posta ta' Kastilja** ara Marija Bambina Senglea (Festa 2013 u 2014).

**Riferenzi:**


Ernle Bradford - The Great Siege - Malta 1565
Rev. Dr. Joseph Bezzina: 1551 – The Year Catastrophe Struck Gozo, The Sunday Times, Gozo Supplement, August 5, 2000, p.3
Mons. E. Coleiro: L-Assedju l-Kbir, Ġrajjiet ta' kull Jum.
Frans Ghirxi: Żmien il-Kavallieri f'Malta
Joseph F. Grima: Żmien il-Kavallieri f'Malta 1530 – 1798, Pubblikazzjoni Indipendenza.
Victor John Galea: L-Għid tal-Assunta: L-Istraġi tal-1551 u l-Leġġenda ta' Bernard de Opuq;
J. Vella Gauci: X'Ġab liċ-Ċittadella fl-istat li tinsab fih, l-Orizzont, 31 ta' Awwissu, 1981, p.4
Andrew Vella: L-Istorja ta' Malta Vol.1.
Godwin Vella: Is-Swar tal-Gran Kastell, l-Orizzont (supplement), il-Ħamis, 8 ta' Marzu, 2001.
Vincent Zammit: L-Assedju tal-1551; Irkejjen Storiċi, fokus, Il-Mument, 2 ta' April, 2000, p.21
Vincent Zammit: L-Assedju tal-1551; Irkejjen Storiċi, fokus, Il-Mument, 23 ta' Lulju, 2000, p.21
Vincent Zammit: Il-Gran Mastri. Vol.2
Joseph Serracino – X'sehem kellu l-Forti Sant'Iermu fl-Assedju l-Kbir : Il-Ħadd Magażin , Torċa 29 ta' Marzu, 1998, p.24
Joseph Serracino – L-Assedju tal-1551 (l-ewwel parti) – Il-Ħadd Magażin – Torċa 2 ta' Mejju, 2004, p.23
Joseph Serracino – L-Assedju tal-1551 (it-tieni parti) – Il-Ħadd Magażin – Torċa 9 ta' Mejju, 2004, p.11.
Joseph Serracino – L-Assedju Il-Kbir tal-1565 (l-ewwel parti) – Il-Ħadd Magażin – Torċa, 1 ta' Marzu, 1998, p.12 u 13
Joseph Serracino – L-Assedju Il-Kbir tal-1565 (it-tieni parti) – Il-Ħadd Magażin – Torċa 8 ta' Marzu, 1998, p.11.
Joseph Serracino – L-Imdina fl--Assedju il-Kbir (l-ewwel parti) – Il-Ħadd Magażin – Torċa, 15 ta' Marzu, 1998, p.18.
Joseph Serracino – L-Imdina fl-Assedju il-Kbir (it-tieni parti) – Il-Ħadd Magażin – Torċa, 22 ta' Marzu, 1998, p.18.
Joseph Serracino – Is-Swar ta' Kastilja – Il-Ħadd Magażin – Torċa, 8 ta' Awwissu 2004, p. 12 u 13.
Joseph Serracino – Il-Forti San Mikiel fl-Assedju l-Kbir – Il-Ħadd Magażin – Torċa 5 ta' April, 1998, p.8.
Joseph Serracino – Il-Forti ta' Sant'Anġlu fl-Assedju l-Kbir – Il-Ħadd Magażin – Torċa 12 ta' April, 1998, p.18.
Joseph Serracino – L-Imdina fl-Assedju l-Kbir – L-Orizzont, 7 ta' Settembru, 1974, p. 5 u 7.



